# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-29 ta' Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 86/2016 SM**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Charles Steven Muscat**

**vs.**

**Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-14 ta' Settembru, 2016, li permezz tiegħu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi kien arrestat f'Awwissu, 2002, fuq suspett ta' traffikar ta' kokaina u eroina;

1.2. Illi fis-7 t'Awwissu, 2002, meta kien hekk arrestat ittihditlu stqarrija minghajr ma nghatalu d-dritt li jkun assistit minn avukat ta' fiducja;

1.3. Illi f'dak iz-zmien l-ligi ma kienitx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat;

1.4. Illi dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti wkoll access ghall-*file* tal-Pulizija tal-persuna investigata, liema dritt iddahhal biss permezz tal-Avviz Legali 35 tal-2010;

1.5. Illi meta sussegwentement tressaq il-qorti l-istqarrija fuq indikata kienet esebita fl-inkartament kriminali;

1.6. Illi inhareg l-Att t'Akkuza Numru 47/2010 fil-konfront tar-rikorrenti li jakkuzah bi traffikar ta' kokaina u eroina;

1.7. Illi l-istqarrija fuq riferita rilaxxata mir-rikorrenti tista' ghalhekk tintuza kontra tieghu;

1.8. Illi intavola proceduri domestici ta' natura kostituzzjonali fejn ippremetta li n-nuqqas ta' ligi pozittiva li tippermetti l-assistenza legali waqt l-arrest tikser l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), u l-artiklu 6 (1) (3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni);

1.9. Illi *nonostante* li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Qorti ta' Strasburgu), b'diversi sentenzi rriteniet li n-nuqqas wahdu t'assistenza legali jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, b'diversi sentenzi, interpretat id-dritt ghall-assistenza legali b'mod aktar restrittiv u sehqet ghall-htiega ta' elementi ohra – fosthom, il-vulnerabilita` tal-interrogat u l-karattru antecedenti tieghu;

1.10. Illi b'sentenza taghha datata t-**8 t'Ottubru, 2012, il-Qorti Kostituzzjonali** rriteniet li ma kienx hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti minkejja li meta kien investigat ma kienx assistit minn avukat ta' fiducja tieghu, u ghalhekk cahdet it-talbiet minnu hemm sottomessi;

1.11. Illi ssir referenza ghal sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Mario Borg vs. Malta**, datata t-**12 ta' Jannar, 2016**, fejn sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali taht l-artikli 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni;

1.12. Illi l-istess qorti indikata fil-paragrafi precedenti hemm irriteniet li d-dritt tal-assistenza legali ghandha tkun ir-regola generali u li dan id-dritt ghandu jinghata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni, salv f'cirkostanzi eccezzjonali;

1.13. Illi fil-*"consenting opinion"* tieghu imhallef partikolari hemm enfasizza li l-interpretazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kienet addirittura tammonta ghal:

> "... breach of the constitutional instrument of European public order...";

1.14. Illi f'kazijiet simili l-*Qorti ta' Strasburgu*, ghalkemm tat kumpens pekunjarju dan il-kumpens hu limitat u ma jiehux in konsiderazzjoni l-konsegwenzi ta' dan il-ksur tad-dritt fundamentali fil-proceduri kriminali;

1.15. Illi l-ahjar rimedju hu li r-rikorrenti jitqieghed fil-posizzjoni originali li kien fiha kieku d-drittijiet fundamentali tieghu ma gewx miksura;

1.16. Illi din l-istess posizzjoni giet ritenuta diversi drabi mill-**Qorti ta' Strasburgu** fosthom fil-kawza fl-ismijiet **Pakshayev vs. Russia**, datata t-**13 ta' Marzu, 2014**, u **Abbasov vs. Azerbaijan**, datata z-**17 ta' Jannar, 2008**;

1.17. Illi ghalhekk hi biss ritrattazzjoni tal-proceduri kriminali li jissanaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali *de quo*;

1.18. Illi ghalhekk isosstni li ghadu ma nghatax rimedju effettiv mill-qrati nazzjonali;

1.19. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti u jitlob li din:

1.19.1. Tiddikjara li *nonostante* s-sentenza **Mario Borg vs. Malta** fuq riferita r-rikorrenti ghadu ma

nghatax rimedju effettiv mill-qrati nazzjonali, u l-fatt li ma tezisti l-ebda procedura fil-ligi Maltija li jista` juza biex jitlob rimedju wara l-imsemmija sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** u/jew jitlob ritrattazzjoni tal-proceduri kriminali, *stante* li gew lilu lezi l-artiklu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikli 5, 6 u 13 tal-Konvenzjoni;

1.19.2. Taghti dawk ir-rimedji effettivi u xierqa;

2. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Settembru, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 7);

3.0. Rat ir-risposta datata s-6 t'Ottubru, 2016, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 14);

3.1. Illi allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.2. Illi r-rikorrenti kien gia` ippropona azzjoni kostituzzjonali identika, (Rikors Numru 75/2010, li ghaddiet in gudikat fit-8 t'Ottubru, 2012;

3.3. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jerga jipproponi lanjanza identika;

3.4. Illi *di piu`*, wara s-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** tat-**8 t'Ottubru, 2012**, fuq indikata r-rikorrenti irrikorra quddiem il-**Qorti ta' Strasburgu** li ddecidiet il-kaz fl-**20 t'Ottubru, 2015**, li ikkunsidrat li r-rikorrenti ma xtaqx ikompli bil-procedura u nehhiet l-istess kawza minn fuq il-lista taghha;

3.5. Illi l-azzjoni odjerna hi wkoll prematura *stante* li ghadu mhux maghruf kif ser jigi zvantaggat waqt is-smigh tal-procedura;

3.6. Illi biex tinstab lezjoni ta' smigh xieraq hu mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalita` tieghu;

3.7. Illi biex jigu applikati r-rekwiziti tal-artiklu 6 tal-konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni iridu jigu ezaminati l-fatturi

processwali partikolari tal-kaz biex jigi determinat jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq u ghalhekk, ghandu jigi ezaminat il-process kollu kemm hu;

3.8. Illi r-rikorrenti ma jistax jikkonkludi li mhux ser ikollu smigh xieraq minhabba il-mod kif ittiehdet l-istqarrija tieghu;

3.9. Illi gialadarba l-proceduri ghadhom pendenti allura r-rikorrenti jgawdi mill-prezunzjoni tal-innocenza;

3.10. Illi t-tehid ta' stqarrija bl-ebda mod ma tikkompromettí d-drittijiet u l-garanziji processwali tar-rikorrenti;

3.11. Illi *di piu`*, il-Qorti Kriminali ghad trid tevalwa l-istess stqarrija flimkien ma provi ohra;

3.12. Illi ghalhekk il-fatt wahdu li r-rikorrenti irrilaxxa stqarrija ma jsosstnix l-ilment ta' ksur ta' dritt ta' smigh xieraq;

3.13. Illi ghalhekk l-ilment in dizamina hu intempestiv and prematur;

3.14. Illi xejn ma jzomm lir-rikorrenti milli jitlob lill-Qorti Kriminali tisfilza l-istess stqarrija;

3.15. Illi l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli ghall-kaz odjern;

3.16. Illi ma jezisti l-ebda dritt fundamentali tal-assistenza legali, izda jezisti biss id-dritt ta' smigh xieraq kif garantit mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

3.17. Illi di piu` ir-rikorrenti ma giex imgieghel jaghti l-istqarrija li ta, nghata d-debita twissija li ma kienx obbligat jitkellem, u kien informat li dak li jghid kien ser jingieb bhala prova kontra tieghu;

3.18. Illi r-rikorrenti kien qed jifhem ic-cirkostanzi li kien fihom *stante* li fejn ma kienx cert ippreciza li ma kienx jaf bi precizjoni;

3.19. Illi din ma kienitx xi esperjenza gdida ghar-rikorrent *stante* li kien gia` qed jiskonta sentenza ta' hamsa u ghoxrin (25) sena habs;

3.20. Illi jirrizulta li fl-istqarrija kien kawt hafna u pprova jnehhi l-htija minn fuqu u jitfahha fuq persuna ohra;

3.21. Illi c-cirkostanzi odjerni huma differenti minn dawk ta' **Borg vs. Malta** fuq riferita *stante* li f'dak il-kaz il-kawza kienet ghaddiet in gudikat, mentri dik tar-rikorrenti odjern ghadha ser jibda tinstema;

3.22. Illi l-kaz applikabbli ghall-procedura odjerna hu dak **Dimech vs. Malta**, deciz mill-**Qorti ta' Strasburgu** fit-**2 t'April, 2015**, fejn il-proceduri tal-istess kienu pendenti meta l-kaz ittiehed quddien l-imsemmija qorti;

3.23. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

3.24. Illi ghal dak li jirrigwarda l-artiklu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 5 tal-Konvenzjoni jigi sottolineat li r-rikorrenti mhux privat mill-liberta`;

3.25. Illi f'kaz li persuna tinstab hatja b'sentenza ta' qorti li tkun ghaddiet in gudikat, il-prigunerija hemm determinata tkun legittima u *ai termini* tal-artiklu 5 (1) (a) tal-Konvenzjoni u l-artiklu 34 (1) (b) tal-Kostituzzjoni;

3.26. Illi l-istess detenzjoni hekk determinata tikser l-artiklu 5 tal-Konvenzjoni jekk jintwera li jkun hemm "a flagrant denial of justice" u mhux jekk ikun hemm xi nuqqas proceduralі tal-ebda sustanza jew konsegwenza gravi;

3.27. Illi mhux minnu li r-rikorrenti m'ghandux rimedju taht il-ligi domestika bi ksur tal-artiklu 13 tal-Konvenzjoni;

3.28. Illi in effetti l-qorti odjerna tista' taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti, anke kumpens morali skont il-kaz;

3.29. Illi l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni ma jitlobx li r-rimedju ghandu jkun fil-kuntest ta' proceduri ordinarji kif qed jippretendi r-rikorrenti;

3.30. Illi permezz tal-procedura odjerna kif intavolata mir-rikorrenti hu stess qed jirrikonoxxi li s-sistema Maltija tipprovdi rimedju domestiku li hu effettiv;

3.31. Illi ghalhekk l-allegazzjoni rigwardanti l-ksur tal-artiklu 13 tal-Konvenzjoni hi manifestament infondata jekk mhux fieragh;

3.32. Illi *stante* li r-rikorrenti qed jitlob li fost ir-rimedji possibbli hemm dak li jinstema' l-kaz tieghu mill-gdid, jinghad li peress li l-guri tieghu ghadu ma bediex, tali rimedju minnu prospettat qatt ma jista' jinghata;

3.33. Salv risposti ulterjuri;

3.34. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

4. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Frar, 2017, li permezz tieghu, fuq talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 35);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata is-6 t'April, 2017, (ara foll 97), flimkien ma dik tal-intimat datata t-3 ta' Mejju, 2017, (ara foll 111);

6. Semghet lix-xhud prodott;

7. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

8. Rat il-verbal datat l-20 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq in-noti minnhom prezentati;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-kawza in dizamina tippernja fuq tliet (3) kapi li ser jigu indivizzati konsekuttivament, senjament:

9.1. L-eccezzjoni tar-*res judicata*, (ara paragrafu numru ghaxra, (10.) et *seq.* aktar 'l quddiem);

9.2. Il-lanjanzi taht l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikli 5 u 6 tal-Konvenzjoni, (ara paragrafu numru tmienja u ghoxrin, (28.), aktar 'l quddiem);

9.3. L-allegata vjolazzjoni tal-artiklu 13 tal-Konvenzjoni, (ara paragrafu numru tletin, (30.), aktar 'l quddiem);

Ikkunsidrat:

**A. Res Judicata:**

10.0. Illi fir-rigward ta' dan il-kap jinghad sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi r-rikorrenti kien gia` introduca procedura ta' natura kostituzzjonali, (Rikors Numru 75/2010), rigwardanti l-allegat ksur ta' smigh xieraq talli ma thalliex ikollu l-ghajnuna ta' avukat waqt li kien qed jigi interrogat mill-pulizija dwar suspett li ghamel reat u ttehditlu stqarrija bi ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, (ara foll 74), liema kawza kienet deciza fil-**Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-10 t'Ottubru, 2011**, (ara foll 74 A);

10.2. Illi wara appell mill-istess procedura, din giet deciza b'mod finali mill-**Qorti Kostituzzjonali** b'sentenza datata t-**8 t'Ottubru, 2012**, (ara foll 74);

10.3. Illi f'din il-procedura r-rikorrenti kien ippremetta li l-intimat kien hareg att t'akkuza, dak numru 47/2010, (ara foll 26), b'zewg (2) kapi t'akkuza koncernanti t-traffikar ta' kokaina u eroina;

10.4. Illi fil-procedura involuta l-Pulizija Ezekuttiva esebiet stqarrija liberament rilaxxata mir-rikorrenti mehuda fis-7

t'Awwissu, 2002, (ara foll 30), u pprezentata fl-atti tal-procedura kriminali, (ara t-timbru tal-prezentata a foll 30);

10.5. Illi fil-kawza kostituzzjonali fuq indikata, (ara paragrafu numru ghaxra punt wiehed, (10.1.), aktar qabel), ir-rikorrenti kien ilmenta, (bhal mhu qed jaghmel fil-procedura odjerna), li meta irrilaxxa l-imsemmija stqarrija hu kien ipprojbit milli jikkommunika u jikkonsulta mad-difensur ta' fiducja tieghu, (ara foll 74A);

10.6. Illi fiz-zmien in kwistjoni l-ligi Maltija ma kienitx tipprovdi li l-interrogat ikollu tali assistenza, (ara foll 74A);

10.7. Illi ghalhekk fl-imsemmija kawza minnu intrapriza r-rikorrenti sosstna li gew lezi lilu d-drittijiet fundamentali tieghu kif kontemplati fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikli 6 (1) u 6 (3) (c) tal-Konvenzjoni, (ara foll 74A);

10.8. Illi permezz ta' sentenza datata l-10 t'Ottubru, 2011, il-qorti in prim'istanza kienet laqghet it-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 76);

10.9. Illi b'rikors datat il-25 t'Ottubru, 2011, l-Avukat Generali appella mill-istess sentenza, (ara foll 76);

10.10. Illi l-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet l-appell *de quo* fis-sentenza taghha datata t-8 t'Ottubru, 2012, (ara foll 74), u ikkonkludiet li in effetti ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, (ara foll 86);

10.11. Illi sussegwentement ir-rikorrenti intavola procedura appozita fil-Qorti ta' Strasburgu, (ara foll 92);

10.12. Illi l-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti ddecidiet l-istess kaz billi ikkonsidrat li r-rikorrenti ma kellux aktar ix-xewqa li jkompli jippromwovi l-applikazzjoni tieghu quddiemha u sabet ukoll li ma kien hemm l-ebda cirkostanzi specjali fir-rigward tad-drittijiet fundamentali li kienu jimmeritaw l-ezami ulterjuri tal-istess procedura u konsegwentement, ikkancellat il-kawza in kwistjoni mill-lista tal-kawziipprezentati quddiemha, (ara foll 93);

11. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Charles Cortis vs. Francis X. Aquilina et**, datata l-**25 ta' Settembru, 2003**, li fiha l-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** issenjalat is-segwenti fir-rigward tar-rekwiziti li jikkostitwixxu l-gudikat hawn in dizamina:

> "Dawn l-elementi huma l-istess oggett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*), u l-istess mertu (*eadem causa petendi*)";

12. Illi l-istess sentenza riferita fil-paragrafu precedenti tkompli li:

> "... kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilita` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li hemm il-possibilita` ta' kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat";

13. Illi konsegwentement biex tigi deciza l-eccezzjoni tal-gudikat sottomessa mill-intimat hu mehtieg li jsir l-ezami biex jigi determinat jekk jissussistux it-tliet (3) elementi fuq riferiti tal-*eadem res*; l-*eadem personae*; u l-*eadem causa pentendi*;

14. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Rabat Construction Limited*** vs. **Cutajar *Construction Company Limited***, datata d-***9 ta' Jannar, 2002,*** li stabbiliet is-segwenti fir-rigward tal-element tal-***eadem res***:

> "...din tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat ...;

> "Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija cara: sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza precedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita` mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak

li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-qrati;

"Illi mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta' kif ghandha tigi determinata l-identita` tal-oggett jidher illi l-ahjar mod hu li tezamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attrici gietx jew le deciza minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Illi ghalhekk, wiehed irid jara il-punt imqajjem fl-istess";

15. Illi jigi sottolineat li permezz tas-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fir-rigward, datata t-**8 t'Ottubru, 2012**, (ara paragrafu numru ghaxra punt tnejn, (10.2.) aktar qabel u foll 74), kien gie konklussivament deciz li fl-atti hemm ezaminati li huma identici ghal dawk tal-lum, ma kien hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

16. Illi wara li l-istess rikorrenti kien ipproceda bl-istess lanjanza quddiem il-**Qorti ta' Strasburgu**, (ara paragrafu numru ghaxra punt hdax, (10.11.), aktar qabel u foll 92), liema kawza kienet eventwalment kancellata mill-lista tal-istess qorti, (ara paragrafu numru ghaxra punt tnax, (10.12.), aktar qabel u foll 93);

17. Illi ezami tal-lanjanzi promossi fil-proceduri fuq indikati u dawk odjerni mertu tal-procedura odjerna jittradixxu identita` tal-oggett u konsegwentement ghandu jirrizulta pacifiku li t-talbiet proposti mir-rikorrenti fil-procedura odjerna gia` gew decizi b'mod konklussiv fil-proceduri fuq indikati;

18. Illi in vista tal-premess ghandu ghalhekk ikun pacifiku li meta din il-procedura tigi paragunata mal-proceduri precedenti fuq riferiti li l-element tal-***eadem res*** jirrizulta li jissussisti;

Ikkunsidrat:

19. Illi fir-rigward tal-element tal-***eadem personae*** terga ssir referenza ghas-sentenza ***Charles Cortis vs. Francis X. Aquilina et***, (ara paragrafu numru hdax, (11.), aktar qabel), li f'dan ir-rigward stabbiliet is-segwenti:

"... l-element tal-identita` tal-persuni ... huma wkoll fundamentali u ta' siwi daqs iz-zewg elementi l-ohrajn.

> In-nuqqas tieghu huwa bizzejjed biex jeskludi l-gudikat ghaliex min ma kienx prezenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rapprezentat legittimament, ma jistax jitqies marbut b'sentenza moghtija u li ghaddiet in gudikat, ukoll jekk l-ezitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorih", (ara wkoll **Grixti vs. Schembri, Kollez. Vol. XLII i. 198** u **Degabriele vs. Gulia**, **Appell Civili** datat il-**5 ta' Frar, 1968**);

20. Illi jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti odjern jirrizulta hu l-istess wiehed li intavola il-procedura fuq riferita fil-kawza Rikors Numru 75/2010, (ara paragrafu numru ghaxra punt wiehed, (10.1.), *et seq.* aktar qabel u foll 74), li wasslet sahansitra sal-Qorti ta' Strasburgu;

21. Illi konsegwentement, l-element tal-***eadem personae*** jirrizulta li hu wkoll sodisfatti;

Ikkunsidrat:

22. Illi fir-rigward tal-element tal-***"eadem causa petendi"***, issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Inferjuri)** fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c.* vs. Adrian Caruana**, datata d-**29 ta' Lulju, 2015**, fejn issir referenza ghat-taghlim tal-Professur Caruana Galizia fin-notamenti tieghu *"Notes on Civil Law"*, fejn jispjega:

> "... illi l-*"causa petendi"* hi *"the title on which the demand is based"*. Illi ghalhekk dan hu t-titlu, cioe`, il-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat";

23. Illi ghalhekk l-element in dizamina jirrikjedi li *"the cause of the claim"* kontenuta fit-talba gdida trid tkun l-istess bhat-talba inkluza fil-kawza precedenti li kienet gia` giet deciza u ghaddiet in gudikat;

24. Illi f'dan ir-rigward, is-sentenza ***Bank of Valletta p.l.c.* vs. Caruana** fuq riferita, (ara paragrafu numru tnejn u ghoxrin, (22.), aktar qabel), tkompli hekk:

> "... Illi sabiex il-kundizzjoni tal-*"eadem causa petendi"* tirnexxi, jrid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-

bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat";

25. Illi konsegwentement, il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` ta' motivi tal-*causa petendi*;

26. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li dak li intalab fil-kawza hawn in dizamina kien gia` gie effettivament deciz fil-proceduri l-ohra fuq indikati intavolati mill-istess rikorrenti;

27. Illi konsegwentement, l-element tal-*causa petendi* jirrizulta li hu wkoll sodisfatt;

Ikkunsidrat:

**B. Detenzjoni u Smigh Xieraq:**

28.0. Illi in vista tal-premess allura jirrizulta sintetikament is-segwenti:

28.1. Illi fil-procedura identifikata bir-Rikors Numru 75/2010, deciza *in prim'istanza* fl-10 t'Ottubru, 2011, (ara foll 74A) u ukoll in appell fit-8 t'Ottubru, 2012, (ara foll 74), u mill-Qorti ta' Strasburgu, fl-20 t'Ottubru, 2015, (ara foll 92), kien gie allegat vjolazzjoni tal-artikli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikli 5 u 6 tal-Konvenzjoni;

28.2. Illi fil-procedura odjerna qed jigi allegat vjolazzjoni tal-istess artikli fuq citati fil-paragrafu precedenti;

28.3. Illi fir-rigward tal-artiklu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 5 tal-Konvenzjoni jinghad li dawn jiggarantixxu protezzjoni mill-arrest jew detenzjoni arbitrarja;

28.4. Illi minn ezami tal-atti ma jirrizultax li r-rikorrenti jinsab f'detenzjoni u fil-fatt ma jirrizultax li hu priv mill-liberta` pendenti s-smigh tal-guri li qieghed jistema', (ara foll 117);

29. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, ma jirrizultax li r-rikorrenti jirrizulta li hu taht arrest jew detenzjoni arbitrarja;

Ikkunsidrat:

**C. L-Allegata Vjolazzjoni tal-artiklu 13 tal-Konvenzjoni:**

30. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Rosalie Darmanin vs. Il-Prim Ministru et**, datata l-**20 t'Ottubru, 2015**, li ssosstni s-segwenti:

> "Illi bhalma jghodd fil-kaz tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, hekk ukoll fil-kaz tal-artikolu 13 huwa accettat li *"Article 13 cannot be invoked independently from, but only in conjunction with, one or more of the substantive rights and freedoms of the Convention"* Van Dijk, Van Hoof, Van Riju, Zwaak, *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*" (*$14^{th}$ Edition, 2006*), § 32.2.1., p. 998); Minhabba f'hekk, dak l-artikolu huwa meqjus bhala wiehed ta' sura ancillari. Ir-rimedju effettiv irid ikun disponibbli fil-qafas tal-ordinament tal-Istat li fih ikun sehh il-ksur ta' jedd sostantiv tal-Konvenzjoni. F'rabta ma' allegat ksur tal-artikolu 8, bosta drabi gara li sejbien ta' ksur taht dak l-artikolu wassal biex il-Qorti (ta' Strasbourg) ma ghaddietx ukoll biex tistharreg l-ilment taht l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, b'mod tali li kwazi xejjen l-awtonomija tal-istess artikolu u sarrfet l-ancillarita` tieghu fl-istharrig wahdien tal-ksur tad-dritt sostantiv, partikolarment fejn il-ksur kien jikkonsisti fin-nuqqas ta' rimedju moghti mill-ligi nazzjonali;

31. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* ma jirrizulta li sar l-ebda vjolazzjoni ta' dritt sostantiv fil-konfront tar-rikorrenti kif minnu allegat;

32. Illi ghalhekk, *stante* li l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni ma jistax jigi invokat independentement minn kwalunkwe dritt sostantiv iehor, din il-lanjanza tar-rikorrenti ma tistax issib l-avall ta' din il-qorti;

Ikkunsidrat:

33.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqis li r-rikorrenti ipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

33.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

33.2. Takkolji r-risposti tal-intimat;

33.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**